**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 22, 49, 50, 249 (1), 250, 252, u 325 (b)**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kump. Nru.: 1310/2007**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Mark Pace**
**(Karta tal-identita' numru 87770M)**

**Illum 24 ta' Mejju 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat Mark Pace, ta' sebgha w tletin (37) sena detenutur tal-karta tal-identita' bin-numru 87770(M) gie akkuzat:

1.Talli bejn Gunju u Settembru 2007 bil-hsieb li jezorcita flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra u cioe' lil Kevin Cutajar, tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li

jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u permezz ta'dan it-theddid wasal fil-hsieb tieghu.

1. U talli fis-17 ta' Ottubru, 2007 ghal habta ta' 19:00hrs, gewwa l-kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara gewwa cella fil-*lock up* tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, liema hsara hija ta' aktar minn LM50 (hamsin lira Maltin) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

2. U talli fis-17 ta' Ottubru 2007, bejn 16:00hrs u 19:00hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u gewwa l-kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana hedded serjament bil-mezz ta' karta miktuba jew bil-fomm lill Ispettur Daniel Zammit, PS 430 Andrew St John, PC 1337 Kevin Curmi u PC 643 Jesmond Delicata b'delitt sew jekk b'mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tieghu jew b'isem mahluq:

3. U aktar tard talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jttellef jew inaqqas il-gieh ta' l-ispettur Daniel Zammit, PS 430 Andrew St John, PC 1337 Kevin Curmi u PC 643 Jesmond Delicata, weggahom bi kliem, b'gesti jew kitba, b'disinji jew b'xi mod;

4. U talli irrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid li jinsab a fol. 4, fedina penali a fol. 5 et seq u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Ottubru , 2007 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens jinsab esebit a fol. 3 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef u b'mod permanenti b'digriet iehor datat 21 ta Novembru 2014.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Frar 2016.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-26 ta' April 2016 meta l-istess partijiet talbu lil din l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**L-Ispettur Daniel Zammit** xehed fid-disa u ghoxrin ta' Ottubru, 2007 fejn iddikjara li fit-28 ta' Settembru 2007, certu Kevin Cutajar detenur tal-karta ta' l-identita' numru 61878M ghamel rapport lil Pulizija li fl-ahhar tliet xhur qabel ir-rapport tieghu huwa kien qed jigi rikattat u mhedded. Dan spjega li xi zmien qabel kien mar il-Gzira ma' prostituta li minn investigazzjoni irrizulta li kienet certa Pauline Pisani. Din wara li kellu x'jaqsam maghha sesswalment bdiet tirrikattah biex itiha xi flus. Dawn it-theddid baqghu sejrin ukoll meta Pauline Pisani flimkien ma' certu Stephen Mifsud bdew imorru fuq il-post tax-xoghol ta' dan Kevin Cutajar u anke qalulu li jekk ma

jaghtihomx il-flus kienu ser jikxfuh u jaghmlulu xi affarijiet ohra. Jghid li skond dan Kevin Cutajar, darba kien mar maghhom dan Marco Pace li kien talbu LM 1,000 izda qallu li ma setax itih is-somma mitluba ta' elf lira Maltija (LM1,000) u ftehmu ghas-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm 800).

Kevin Cutajar jghid li dan Marco Pace kien qallu " *Jien Marco Pace maghruf bhala l-Pinzell. Tista' tirraportanti kemm trid lil Pulizija. Jiena lil Pulizija ma nibzax minnhom. Diga' gabruni darbtejn fuq murders u minix ser niddejjaq minnek".* U qallu li "*ghandi din*" u pogga idejh fuq genbu fejn dan Kevin Cutajar kien haseb li ghandu xi arma tan-nar izda spjega wkoll "*li kien qallu li lest juzaha*".

Jghid li b'kollox hadulu erbat elef lira ( LM4,000). L-imputat Marco Pace mar darba biss ma' Pauline Pisani u Stephen Mifsud u dakinhar hadulu tmien mitt lira Maltin (Lm800). Jghid illi meta ghaddew ghall-arrest, Pauline u Stephen kienu ammettew l-akkuzi kif dedoti fil-konfront taghhom u dawn kienu tressqu quddiem il-Magistrat Vella, fejn fil-fatt kienu wehlu tliet snin u erba' snin habs rispettivament. Kif tlesta dak il-kaz kienu ghaddew ghal arrest ta' Marco Pace fejn dan cahad li kien maghhom dakinhar. Jghid li biex kien gie arrestat, kien inhareg mandat ta' arrest fis-16 t' Ottubru mill-Magistrat Doreen Clarke. Xhin ghaddew ghal arrest, Pace kien xi ftit aggressiv u beda jirrezisti ghall-arrest, tant illi kellu jigi immanetjat u kella tintuza xi ftit forza.

Ix-xhud jghid illi meta kienu ghaddew ghat-tfittxija fir-residenza tal-imputat, jigifieri fid-dar li ghandu m'ommu gewwa Triq il-Mithna, Hal Qormi, dan beda il-hin kollu joffendihom personalment, kemm

lilu kif ukoll liz-zewg Pulizija li kienu mieghu, PC 1137 Kevin Curmi u PC 643 Jesmond Delicata. Jghid li l-imputat kien qalilhom li jekk kien ser jigi arrestat kien ser imut kulhadd.

Ftit wara ttiehed il-*lock up* u hemmhekk kien beda jinstema tkissir fejn anke qala s-sink tal-hadid u kissru ghal kollox. Kien anke beda jhaffer fil-hajt fejn tal-forensika hadu xi ritratti. L-imputat kien ukoll tressaq quddiem il-Magistrat Mizzi fejn kien akkuzat bl-akkuzi relattivi.

L-Ispettur ikkonferma li l-istqarrija tal-imputat, li tinsab a fol. 21 sa fol. 23 tal-atti, ttiehedet minnu fil-presenza tas-Surgent 430 Andres St. John wara li l-imputat inghata s-solita twissija skond il-Ligi.

Jghid li qieghed jaghraf il-firem tieghu u tas-Surgent, pero' l-akkuzat li huwa gharaf fl-awla, kien ghazel li ma jiffirmax.

**Spettur Daniel Zammit** rega' xehed fl-ghaxra (10) ta' Settembru, 2008, u esebixxa kopja tal-mandat ta' arrest u tal-mandat ta' perkwizzjoni datat sittax (16) ta' Ottubru 2007. Dan gie esebit u markat bhala **DOK ZPM 1. Tali** dokument huwa vera kopja ta' l-original.

**Dr. Mario Scerri** xehed fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, 2007. Jghid illi in ezekuzzjoni ta' l-inkarigu moghti lilu mill-Magistarti Dr. Antonio Mizzi b'digriet moghti fit-18 ta' Ottubru 2007,kien qed jipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet esebita u markata bhala **Dok MS1**. Jghid li fit-18 ta' Ottubru 2007 acceda fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ezamina lill-imputat Mark Pace li gharaf fl-awla. Jghid li kellu tbengila fuq in-naha tal-lemin tal-mohh, abrazjoni fuq l-ghajn il-

leminija, nefha fuq l-id il-leminija assocjata ma' tbengil u abrazjoni fuq idu x-xellugija. Il-griehi kienu kollha ta' natura hafifa.

Jghid illi l-*haematoma* illi kellu l-imputat fuq mohhu hija kompatibbli ma' *blunt trauma*. L-abbrazzjoni fuq l-ghajn hija ukoll kompatibbli ma' *blunt trauma*. In-nefha fuq id l-imputat hija kompatibbli ma' l-uzu tal-manetti u l-girfa fuq in-naha ta' l-id ix-xellugija, hija precizament abbrazjoni relatata ma' girfa. Jghid illi l-imputat kien qallu li kienu iccirkondawh numru ta' Pulizija u hebbew ghalih.

**Kevin Cutajar** xehed fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Ottubru 2007. Jghid illi fit-28 ta' Settembru tas-sena 2007 mar l-ufficju tas-CID fejn irraporta li kien qieghed jigi rikattat primarjament minn Pauline Pisani u minn tnejn ohra li kienu jkunu maghha, pero' li ma kienx jaf x'jisimhom. Jghid li hu kien taha ammont ta' flus wara li kien mar il-Gzira w kellu relazzjoni sesswali ma' Pauline Pisani, w kienet qaltlu li harget tqila w li riedet il-flus biex taghmel abbort, kif ukoll xi testijiet. Jghid illi darba kienet marret fuq il-post tax-xoghol tieghu fejn qaltlu li r-ragel taghha kien sar jaf u li kien ghadu kif hareg mill-habs u riedu jghinha biex tkun tista' taghmel abbort. Hu kien wegibha li kien diga' taha somma konsiderevoli pero' hi kienet qaltlu li r-ragel taghha qallha li jekk hu (Cutajar) ma kienx ser itihom il-flus kien ser jaghmillhom herba.

Dak li dak il-hin hu hareg barra w sab wiehed gewwa l-karozza Honda ta' kulur iswed. Dan ir-ragel qallu li kien jismu Marco w jghidulu '*l-Pinzell'*. Zied jghidlu li hemm bzonn li jghin lil Pauline biex taghmel abbort u hekk l-istorja tispicca darba ghal dejjem. Jghid illi Pauline

qaltlu li riedu elf lira Maltija (LM1,000). Imbaghad hu kien wegibhom li sa 500 mitt Lira (LM500) jista' jasal. Marco baqa' jitolbu tmien mitt lira (LM 800) u allura ra kif ghamel biex isib dan l-ammont. Jghid li hu mbaghad kien ta' l-flus lil Pauline. Ix-xhud jgharaf lil dan Marco bhala l-imputat prezenti fl-awla.

Jghid illi l-flus rieduhom dak il-hin stess u li biex seta' jtihomlhom kellu jissellifhom minn fuq ix-xoghol. Jghid illi xi gimgha jew gimghatejn wara regghet marret Pauline u zewgt irgiel ohra, li l-ebda wiehed ma kien l-imputat. Qaltlu li Marco kien tiela' hemmhekk u li jrid hames mitt Lira ohra ( LM 500). Stqarr li f'dan il-kaz ma kienx l-imputat personalment li kien talbu l-flus, izda li kienet talbithomlu Pauline. Din kienet qaltlu wkoll li Marco kien ser icempillu. Filfatt Marco cempel direttament fuq il-mobile tieghu u qallu biex jaqbad u jaghtiha l-flus ghax jekk imur hu kien ser jinqala' t-t*rouble*. Hu qallu li l-flus riedhom dak il-hin stess, allura hu qabad il-hames mitt lira (LM500) u ghaddihom lil Pauline.

Jghid illi in segwitu' mar ghand il-Pulizija u kellem lill-Ispettur Daniel Zammit. Ikkonferma illi kull darba li ghaddielhom il-flus huwa kien taht rikatt, li ser jaghmlulu vendikazzjoni jew fuq il-post tax-xoghol jew familjari. Dakinhar li l-imputat kien mar bil-karozza, wkoll kien hassu rikattat.

Jghid illi dak inhar meta kien kellem lil Marco fuq il-mobile, hu kien ecitat hafna pero' jista' jghid li l-vuci li kellmitu kienet tixbah hafna lil dik ta' Marco meta kien rah fil-karozza. Zied li meta Marco kien mar bil-karozza, kien qallu li jista' jmur ghand min irid, anke ghand l-armata u li hu mhux ser jibza' minn hadd. Qal li hu kellu lil 'Gianella'

tiddefendih u li ma kienx se jiddardar. Jghid illi kien heddu “ghandi dan nuzah” u ghamel idejh fuq genbu izda ma jafx x’kellu tahtu. Ikkonferma li dan l-episodju sehh xi gimghatejn qabel mar jaghmel rapport lis-CID.

**Pauline Pisani** xehdet fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Ottubru 2007, fejn tghid illi hi kienet taghmel xoghol ta’ prostituzzjoni u Kevin Cutajar kien mar ifittixha gol-Gzira u accetta li jmur maghha ghal fini ta’ prostituzzjoni.

Tghid illi l-preservattiv ried jilbsu hu stess u ghamel hekk. Tghid illi qabel ma ghamel hekk hi nefhet il-preservattiv biex turih li kien tajjeb u hu accerta ruhu li kien tajjeb. Hu kien taha l-flus li kienu ghaxar liri (LM10) u bdew l-att sesswali. Tghid illi meta spiccaw l-att sesswali u kevin kien lesta innutaw li l-*condom* kien mifqugh. Tghid illi hi dak iz-zmien kienet tghid lill-klijenti li kellha sbatax-il sena biex tkun tista’ tevita li ma jaghmlux certa vjolenza fuqha. Tghid illi meta Kevin intebah li l-preservattiv kien imqatta’, ggennen.

Tghid illi hi qaltlu biex jaraw x’ser jaghmlu ghax ma riditx tfal minn tieghu u li hu kien qabel maghha. Ziedet illi Kevin kien qalilha li riedu jmorru l-Mellieha biex igibu l-flus, imma hi ma fdatux.

Tghid illi meta l-Ispettur Daniel Zammit hadilha l-istqarrija, kien weghedha li ser jghatiha kopja, izda qatt ma tahielha w lanqas qralha l-istqarrija.

Tghid li dan Marco Pace m'ghandux x'jaqsam ma in il-bicca, izda ziedet tispjega li f'okkazzjoni minnhom kienet rat lill-imputat u talbitu jwassalha w ittih xi haga tal-petrol. Qalet li ma kinitx qaltlu ghal xiex sejra u hu kien wassalha l-Mellieha fil-pompa fejn jahdem Kevin. Hija dahlet tkellem lil Kevin u Marco kien baqa' fil-karozza, pero Kevin kien rah. Sostniet b'certezza li quddiemha Marco fl-ebda hin ma kien kellem lil Kevin.

Tghid illi Kevin kien taha l-flus, harget u hi u Marco kienu telqu, u ghalhekk Marco fl-ebda hi ma kellem lil Kevin.

Ix-xhud gharfet lill-imputat prezenti fl-Awla.

**Stephen Mifsud** xehed fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, 2007. Jikkonferma illi hu kien gie investigat dwar prezunt rikatt fil-konfront ta' Kevin Cutajar u mieghu kienet ukoll giet investigata Pauline Pisani. Jghid illi darba dan Marco Pace kien wassal lil Pauline bil-karozza wara li damet hafna tiffittah. Huwa gharaf lill-imputat prezenti fil-Awla. Jghid illi Pauline kienet qaltlu li hi kienet talbet lill-imputat biex iwassalha w li kienet ser ittih xi haga tal-flus.

Jghid illi hu guvni u mhux mizzewweg izda ghandu t-tfal minn Pauline Pisani.

**PS 430 Andrew St John** xehed fid-disgha (9) ta' Novembru 2007. Jghid illi t-team immexxi mill-Ispettur Daniel Zammit kien gie avvicinat minn certu Kevin Cutajar dwar kaz ta' *blackmail*, fejn qal li kien beda jkun mhedded biex jaghti somom ta' flus. Meta gie mitkellem semma lil Pauline Pisani u Stephen Mifsud li kienu

qeghdin javvicinawh diversi drabi biex jitolbuh flus halli ma jaqalghulux inkwiet mal-familja tieghu. Ikkonferma li fuq din l-informazzjoni gew arrestati Pauline Pisani u Stephen Mifsud maghruf bhala 'n-Naqqu'. Zied li meta gew mitkellma, dawn ammettew dak li kien gie allegat fil-konfront taghhom u li kienu qalu li darba minnhom ma' Pauline kien mar ukoll Marco Pace. Dan il-fatt kien ukoll issemma minn Kevin Cutajar stess, u fil-fatt kien dak il-fatt partikolari li gaghlu javvicina l-Pulizija.

Jghid illi sakemm kienu Pauline u Stephen biss li kienu qed javvicinawh, Keven ma kienx qed jibza' daqshekk, u kien meta dahal fl-istorja Marco Pace li haseb biex imur ghand il-pulizija. Jghid illi fuq din l-informazzjoni kien gie arrestat Marco Pace, wara li giet informata l-Magistart Doreen Clarke. Fis-17 t' Ottubru 2007, hu flimkien mal-Ispettur Zammit, PC 643 u PC 1337, marru l-ghassa ta' Hal Qormi peress li Pace kellu *Bail conditions daily* illi jmur jiffirma l-ghassa ta' hemm wara nofsinhar. Stennewh u hemmhekk gie moghti l-mandat ta' arrest u spjegawlu s-sitwazzjoni, fejn mill-ewwel beda battibekk maghhom u beda jirrezisti l-arrest. Riedhom icemplu lill-allura Magistrat Padovani ghax ghandu kaz fuqha jew inkella lil Imhallef Degeatano b'referenza ghal Prim Imhallef, u li inkella ma jistghux jarrestawh. Jghid illi ppruvaw ifehmuh u li anke kellha tigi uzata certu forza ghax hu beda jhebb ghalihom. Sar ukoll theddid fil-konfront tal-Pulizija stess bhal '*inpattihilkom, jien ma nibza' minn hadd, jien Marco Pace il-Pinzell'* u hafna theddid simili iehor.

Jghid illi x'hin waslu biex issir is-*search* fid-dar tieghu, rega' beda jheddidhom li se jisplodi lil kulhadd, ghax mieghu iridu jmutu tliet

elef ruh u li ghadhom ma jafux hu sa fejn jasal. Jghid illi wara dan kollu haduh id-Depot tal-Pulizija fejn gie mitkellem fuq il-kaz u wara ittiehed il-*lock up* isfel.

Wara siegha kienu gew infurmati illi kien hemm xi vjolenza fil-*lock up* u li Marco Pace kien kisser ic-cella kollha. Meta ccekkjaw sabu li kien kisser is-sink, qala' *flat bar* kbira minn wara sink u kisser zewg briksiet min-naha tal-lemin kif tidhol fic-cella u haffer zewg hofriet ta' pied fil-bricks. Wara li ikkalmawh hadulu l-hadida u dan Marco Pace anke irrilaxxja stqarrija.

Ix-xhud gie muri dokumenti esebiti a fol. 21 sa 23 u spjega li dan huwa *statement* li rrilaxxja Marco Pace nhar it-18 ta' Ottubru 2007 u gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur. Marco Pace ghazel li ma jiffirmax. Iddikjara li jaghraf lill-imputat prezenti fl-Awla.

**PC 643 Jesmond Delicata** xehed fid-disgha (9) ta' Novembru, 2007. Jghid illi fis-17 ta' Ottubru 2007 kellhom mandat ta' arrest fil-konfront ta' Marco Pace, illi filfatt marru ghalih l-ghassa ta' Hal Qormi u li wara li avzawh ghaliex kien ser jigi arrestat rigward investigazzjoni dan beda jsir aggressiv, beda jipprova johrog mill-Ghassa, kellhom ukoll juzaw certu forza biex jimmanetjawh. Minn hemmhekk marru d-dar tieghu jaghmlulu *search*. Waqt it-tfittxija rega' beda jheddidhom u meta lestew mis- *search* hu mar riedx johrog mid-dar ghax beda jghidilhom li ghandu l-kundizzjonijiet tal-*bail* u ried icempel lil Prim Imhallef Degeatano. Qallhom li minn hemm mhux ser johorguh u li mieghu riedu johorgu tlett elef ruh. Jghid illi t-theddid kompla u li fil-karozza kien ser ihebb ghal PS

430, filfatt hu kien qed isuq u kellu jisslowja mal-genb. Meta nizzluh fil-*lock up* tad-Depot bdew jisimghu it-tahbit infatti kien kisser zewg briksiet min-naha tal-lemin, is-sink u jekk jiftakar sew anke t-*toilet* permezz ta' hadida li kien qala' minn taht is-sink. Jghid ukoll illi beda jitkellem fl-arlogg u beda jghidilhom jghollu kullimkien.

**Dr. Joseph Spiteri** xehed fit-28 ta' Awissu, 2008 fejn ikkonferma li l-imputat Marco Pace kien pazjent tieghu u li dan kien infurmah li bhala wahda mill-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest imposti fuqu kellu dik ta' rinkazar. Qal li ilu jsegwi lill-imputat ghal numru ta' snin, kemm fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kif ukoll Mount Carmel u zied li gieli jinvistah anke fid-dar tieghu. Ix-xhud qal li jekk l-imputat jibda jahdem, "dan certament ikun jista' jghinu biex jeghleb il-problema li ghandu tal-abbuz tad-droga, anke ghaliex fejn huwa joqghod huwa pjuttost secluded".

**Robert Bugeja** xehed fl-ghaxra (10) ta' Settembru, 2008 u ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati w esebixxa vera kopja ta' l-atti li originarjament huma esebiti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Stephen Mifsud et** liema dokumentazzjoni giet esebita u markata bhala **DOK . BR1**.

**PS 964 Robert Scicluna** xehed fl-ghaxra (10) ta' Settembru, 2008. Jghid illi fit-18 ta' Ottubru tas-sena 2007 kien gie inkarigat mill-Ispettur Daniel Zammit sabiex jmur il-*lock up* tal-Kwartieri sabiex jiehu ritratti tac-cella numru mija u erbgha (104) fejn kien hemm xi hsarat.

Esebixxa disa’ (9) ritratti bil-kulur, issigillati f’envelop kannella mmarkati bhala Dok. RSP1, u kkonferma li dawn ir-ritratti hadhom hu dak inhar stess.

**PC 1428 Jesmond Delia** xehed fl-ghaxra (10) ta’ Settembru, 2008 ghan-nom tas-sezzjoni tat-trades tal-pulizija. Esebixxa stima tal-flus li ntefqu biex saru t-tiswijiet ghall-hsarat gewwa l-*lock up cell number* 104 fis-17 ta’ Ottubru 2007, il-valur totali kien ta’ €380.36 inkluz il-VAT.

**PC 1337 Kevin Curmi** xehed fl-ghaxra (10) ta’ Settembru, 2008. Jghid illi fis-17 ta’ Ottubru 2007 hu kien gie mitlub mill-Ispettur Daniel Zammit biex jakkumpanjah gewwa l-ghassa ta’ Hal Qormi fejn kellhom jezegwixxu mandat ta’ arrest fil-konfront ta’ Marco Pace li gharaf bhala l-imputat prezenti fl-Awla.

Illi meta infurmaw lil Marco Pace li kien taht arrest, dan ipprova jirrezisti l-arrest, beda jheddidhom, liema theddid kompla anke fir-residenza tal-imputat waqt li kienet qed issirlu tfittxija. Wara s-‘search’ marru d-Depot u hawnhekk l-imputat kompla jheddidhom bil-kliem ‘i*npattihielkom*’ u ‘*noqtolkom*’.

In kontro-esami jghid illi biex jarrestaw lill-imputat kienu marru huwa, l-Ispettur Daniel Zammit, u PS430 St. John. Jghid illi l-imputat beda jheddidhom b’mod kostanti ghaliex kull fejn marru baqa’ jheddidhom.

Jghid illi l-arrest esegwewh u skond l-informazzjoni li tah l-Ispettur il-mandat li kellhom kien dak ta' arrest u tfittxija. Ikkonferma illi meta ppruvaw ilibbsuh il-manetti, l-imputat beda jirrezizti l-arrest.

**L-Imputat Mark Pace** xehed minn jeddu u b'mod volontarju fit-tnejn (2) ta' Dicembru 2014. Jghid illi fil-fatt din Pauline kienet tkun vicin ta' hanut f'Hal Qormi u kienet titolbu biex iwassalha. Jaf li kienet gharusa lin-'Noqqu'. Jghid illi darba wassalha u semaghha tilletika man-nies fuq xi flus. Hu imbuttaha minn wiccha w qalilha biex ma toqghodx iggeldu man-nies. Jghid li wassalha lura u li hu ma kien ha xejn mill-flus. Jghid li wara marru biex jarrestawh in konnessjoni ma' dan il-kaz. Jghid li irrezista xi ftit l-arrest u anke ghajjarhom, izda skuza ruhu ghax kien xi ftit xurban. Irrezista ghaliex ma kellux x'jaqsam u ma riedx li jkun arrestat ghalxejn. Jghid li jekk mhux sejjer zball anke c-cella kisser izda mhux cert dwar dan. Imma dan ghamlu ghaliex kien iddisprat u ghaliex ma kellux x'jaqsam xejn ma dan il-kaz.

Jghid illi hu ma kien jaf jghid xejn fuq il-kaz u li Pauline kienet prostituta li kienet qeda titlob flus lil dan Kevin Cutajar. Jghid illi mhux vera li Pauline haditu biex ibezza' lil Kevin ghaliex hu ma jbezzax n-nies. Jghid li wara dak inhar ma kienx rega' rahhom u li mhux vera li pprova jaghmel pressjoni fuq Pauline biex tibdel il-verzjoni.

Illi a tempo vergine ta l-investigazjoni **Mark Pace** kien irrilaxja stqarrija u dan fit-tmintax (18) ta' Ottubru, 2007 (fol. 21 et seq.) fejn qal li hu mizzewweg izda isseparat. Ma jahdimx izda jiehu r-relief u

m'ghandux karozza, pero' juza dik ta' missieru tal-marka Honda Integra. Jghid li gieli silef il-karozza tieghu lil xi nies imma ma jafx lil min, ihobb imur jghum, u bhala vizzju gieli jixrob. Meta mistoqsi fejn jaf lil Pauline Pisani, jghid li jafha ma' Stephen Mifsud in-'Noqqu' li jafu ghax kien trabba mieghu. Jghid li mhux veru li dawn Stephen u Pauline kienu joqghodu mieghu, izda gieli kien iddahhalhom jistriehu ftit.

Meta mistoqsi jekk jafx lil certu Kevin Cutajar jghid li le ma jafux, u li mhux veru li hu flimkien ma' Stephen u Pauline, kienu marru ghand dan Kevin Cutajar fuq ix-xoghol tieghu u qalulu li Pauline kienet tqila minnu u riedu Lm1,000 biex jehilsu minn kollox u hedduh li jikxfuh jekk ma jaghtihomx dawn il-flus.

Jghid li mhux vera li kien qallu li hu Marco Pace maghruf bhala l-'Pinzell' u li ma jiddejjaq minn hadd u li lanqas m'hu vera li kellu arma fuqu u li kien lest li juzaha jekk ma jaghtihx il-flus.

Mistoqsi jekk hux minnu li Kevin ma setghax jaghithom Lm1,000 imma seta jghatihom Lm500 u li wara qalulu li jaqdilhom bi tmien mitt lira (Lm800), kif filfatt gara, jghid li mhux minnu. Jghid ukoll li ma kellux armi fuqu ghax hu ma jgorrx armi fuqu. Jghid li ma jafx ghala semmewh u li Stepehen u Pauline kienu jmorru ghandhu jiehdu drink izda mbaghad ma dahhalhomx aktar ghandu. Jghid ukoll li l-manetti wegghulu jdejh.

**<u>Ikkusidrat ulterjorment.</u>**

Jinghad qabel xejn li l-Prosekuzzjoni tellghet lil Robert Bugeja sabiex jipprezenta kopja tal-proceduri li nstemghu fil-konfront ta' Stephen Mifsud u Pauline Pisani u dawn jinsabu esebiti a fol. 89 et seq. Jidher li f'dawk il-proceduri hemm esebita is-sentenza li nghatat fil-konfront taghom minn din il-Qorti diversament preseduta u dan stante l-ammissjoni ta' l-istess akkuzati waqt il-prezentata.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-imputat ipprezentata fir-registu ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Frar 2016 inserita fl-atti a fol. (226et seq.).

Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

Illi Kevin Cutajar kien mar id-Depot jaghmel rapport lill-pulizija li kien ilu jigi rikattat ghal tlett xhur qabel ma rraporta l-kaz, fejn stqarr li kien mar ma' prosituta Pauline Pisani fil-Gzira u kellu x'jaqsam maghha. Spjega li wara ftit ta' zmien bdiet tmur tfittxu fil-post tax-xoghol tieghu flimkien ma' Stpehen Mifsud u dawn bdew jhedduh u jirrikattawh li jekk ma jtihomx flus kienu ser jikxfuh. Dan Kevin spjega illi darba fost l-ohrajn f'gurnata partikolari, maghhom kien hemm Marco Pace li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputat, u jghid li dan kien talbu s-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000). Pero' hu ma kellux u offrielu hames mitt Lira Maltin (Lm500) u waslu fi ftehim li kellu jaghtihom is-somma ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800).

Marco Pace pero' dan jichdu fis-sens li jghid li vera kien ta xi *lift* lil Pauline Pisani, izda jghid li filwaqt li din nizlet mill-karozza, huwa baqa' fil-karozza jistenniha. Jghid li din Pisani tatu xi flus ghall-petrol u fl-ebda mument ma nizel ikellem lil dan Cutajar ghalkemm jghid li Cutajar seta' rah fil-karozza jistenna.

A bazi ta' dan ir-rapport ta' Kevin Cutajar, il-pulizija ghaddiet sabiex tarresta lill-imputat wara li ottjeniet mandat ta' arrest u perkwizizzjoni minghand il-Magistrat Dr. Doreen Clarke. L-imputat, li dak iz-zmien kien jiffirma il-*bail book* gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Hal-Qormi, gie arrestat waqt li kien l-ghassa w mehud il-Kwartieri Generali ghall-aktar stharrig. Jirrizulta li f'xi hin dan gie akkompanjat fil-*lock up* u waqt li kien hemm goc-cella ghamel herba u kisser kull m'hemm. Jirrizulta wkoll li effettivament huwa rrezista l-arrest tieghu u ghalhekk kellu jigi mmanettjat u kif jistqarr Dr. Mario Scerri kellu wkoll xi feriti rizultat tal-arrest tieghu, li lkoll kienu ta' natura hafifa.

Illi ghar-rigward tal-ewwel akkuza, w cioe' dik ta' rikatt kollox jiddependi principalment fuq il-kreddibillta' tax-xhieda u dan ghaliex filwaqt li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat irrikatta lil Kevin Cutajar sabiex jiehu somma flus minghandu, l-imputat dan jichdu w cioe' jghid li fl-ebda hin ma tkellem ma' Kevin Cutajar ghalkemm rah meta kien qed jitkellem ma' Pauine Pisani. Il-Qorti hija ghalhekk rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ta' dak li gara - dik esposta mill-Prosekuzzjoni li tallega li l-imputat irrikatta lil Kevin Cutajar meta kien fil-kumpanija ta' Pauline Pisani u Stephen Mifsud u ha s-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000) bhala rizultat ta' dan ir-rikatt, u dik moghtija mill-imputat li jghid li mhux vera li huwa rrikatta lil Cutajar jew li talab ghal xi somma flus minghandu.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et'** u tghid li pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni.*'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli l-ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.*'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti ukoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-

Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**' hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper vs The Queen**' ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Fil-kaz in desamina Cutajar irraporta li efettivament kien qed jigi sistematikament mhedded u rikattat minn Pauline Pisani u Stephen Mifsud u fil-fatt meta dawn tressqu l-Qorti u gew akkuzati bir-reat ta' rikatt dawn irregistraw ammissjoni fl-ewwel opportunita' li inghatatillhom u gew ikkundannati prigunerija. Illi pero' l-imputat dan jichdu w cahdu sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni tant li anke l-arrest tieghu fuq din il-materja rrezista. Pauline Pisani tghid li l-imputat ma kellux x'jaqsam ma' din il-bicca xoghol. Izda tghid li darba minhom kienet talbitu jwassalha bil-karozza tieghu sa fejn jahdem Kevin Cutajar u qaltlu li kienet lesta taghtih xi haga tal-petrol, ghalkemm ma qaltlux ghalfejn kienet sejra l-Mellieha. Tghid li l-imputat kemm wassalha w baqa' fil-karozza, filwaqt li hija dahlet fil-pompa tal-petrol fejn kien jahdem Kevin biex tghidlu ghall-flus u Kevin kien taha xi flus. Qalet li fil-prezenza taghha l-imputat ma tkellimx ma' Kevin Cutajar, fl-ebda hin, u minn dan hija certa. Stephen Mifsud ukoll jikkorrobora dak li qalet Pauline Pisani kif ukoll dak li qal l-imputat u cioe' li kull ma ghamel l-imputat kien li wassal lil Pauline Pisani s'ghand Kevin Cutajar, u fl-ebda hin din ma qaltu r-raguni, izda jaf li offriet li taghtih xi haga ghall-petrol. Ghalhekk lanqas ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni - Pisani u Mifsud - ma jikkorroboraw ix-xhieda moghtija minn Kevin Cutajar.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' rikatt kif kontemplat fl-Artikolu 250 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:-

***250.*** *(1) Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra,jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa,*

*ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati,..............."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Harding fit-tlettax (13) ta'April 1957, fl-ismijiet **Pulizija vs Edgar Apap** fejn gie deciz li jekk bir-rikatt l-imputat ser jakkwista sodisfazzjon personali, u cioe' qliegh, dan jissodisfa d-disposizzjoni tal-Artikolu 250(1) tal-Kap. 9, cioe' ir-reat in desamina.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha d-Difiza tikkontendi li r-rikatt ma jirrizultax pruvat stante li sabiex jissussisti dan ir-reat irid ikun hemm it-theddida li ser issir denunzja jew kwerela. Illi mill-provi prodotti apparti li hemm konflitt kbir ta' dak li effettivament gara dakinhar li l-imputat wassal lil Pauline Pisani l-Mellieha, liema konflitt ihalli dubju serju f'mohh il-gudikant jekk effettivament hux minnu li l-imputat tkellem ma' Kevin Cutajar, lanqas ma jirrizulta li efffettivament f'xi hin l-imputat qallu li kien ser jiddenunzjah lil xi awtorita' pubblika. Din l-akkuza ma tirrizultax provata.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat talli kkaguna hsara volontarja fic-cella fil-*lock up* tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, u dan dakinhar waqt li huwa kien qed jinzamm arrestat in konnessjoni mal-investigazzjoni konnessa ma' dan ir-rapport ta' Kevin Cutajar. Hawnhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni differenti. L-imputat ma jichadx li ghamel din il-hsara kif deskritta mill-ufficcjal tal-pulizija fix-xhieda tieghu, pero' jghid li ma jiftakarx. Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Daniel Zammit jirrizulta li appena l-imputat ittiehed fil-*lock*

*up*, l-ufficcjali tal-pulizija bdew jisimghu hsejjes ta' tkissir. PS 430 Andrew St John jghid is-segwenti:-

*"Ma ghaddewx iktar minn tliet kwarti, siegha fejn gejna infurmati mis-Surgent tal-lock up u mill-personnel tieghu illi qed ikun vjolenti hafna u kisser ic-cella kollha. Inzilna niccekjaw. Sibna li kisser is-sink, qala' flat bar kbira minn wara s-sink u kisser giex briksiet min-naha tal-lemin kif tidhol fic-cella u dahal pied gol-hajt.*"

PS 643 Jesmond Delicata *ex admisses* jghid "*Xhin wasalna d-depot kien qieghed fil-lock up...Bdejna nisimghu it-tahbit u x'hin inzilna biex niccekkjaw sibna lilu u kien qed ikisser ic-cella. Infatti kisser zewg briksiet...."*

PS 964 Robert Scicluna jghid illi fit-18 ta' Ottubru tas-sena 2007 kien gie inkarigat mill-Ispettur Daniel Zammit sabiex jmur il-*lock up* tal-Kwartieri u dan sabiex ikun jista' jiehu ritratti fic-cella numru mija u erbgha (104) fejn kien hemm xi hsarat u fil-fatt huwa esebixxa l-inkariga tieghu u gibed disa' (9) ritratti li jinsabu esebiti fl-atti. Minn ezami tal-istss jirrizulta l-hsara li kien hemm f'din l-istess cella fejn kien qed jinzamm Marco Pace.

PC 1428 Jesmond Delia jispjega li kien hu li rranga l-hsarat li kien hemm fic-cella tal-*lock up* u bhala spiza nefaq is-somma ta' €380.36, liema somma fl-ebda hin ma giet kontestata.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn l-istess provi din l-akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkzuat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 249(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w cioe' talli hedded bil-fomm lill-Ispettur Daniel Zammit, PC 1337 Kevin Curmi u lil PC 643 Jesmond Delicata, b'delitt. Jinghad li l-ufficcjali kollha li xehdu ikkonfermaw bil-gurament taghhom li l-imputat kien aggressiv bi kliem u anke fizikament tant li kien qed jirrezisti l-arrest tieghu.

PC 1337 Kevin Curmi fir-rigward ta' din l-akkuza jghid li *" Fost il-kliem ta' theddid li Marco Pace qal fil-konfront taghna l-pulizija kien hemm il-kliem 'inpattihielkom' u 'noqtolkom'".* Filwaqt li PS 430 Andrew St. John jghid *ex admisses* "*Sar anke theddid fil-konfront taghna, fil-konfront tal-Ispettur tieghi u ...Pero' t-tip ta' theddid li speci naf min intom, ipattihielkom. Jien anke jekk nispicca gewwa ghandi min ipattihielkom. Jiena ma nibza' minn hadd, Jiena Marco Pace il-Pinzell u hafna theddid iehor*". U PC 643 Jesmond Delicata jghid *"X'hin konna sejrin lejn id-Depot ergajna bdejna b'hafna theddid tant li hin minnhom kien ha jaggredixxi lil PS430. Li jiena kont qed insuq u kelli nislowja mal-genb."*

B'hekk m'hemmx dubju li din l-akkuza tirrizulta pprovata u dan ghaliex l-imputat hedded lil dawn l-ufficjali bid-delitt ta' qtil.

Fir-raba' lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' malafama kif dispost fl-Artikolu 252 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w jinghad b'referenza ghal fuq espost li l-imputat wegga' lill-ufficcjali tal-pulizja bil-kliem li intqal minnu fil-konfront taghhom billi qalilhom li kien ser joqtolhom u li ser ippatihielhom.

Fir-rigwad tal-hames akkuza u cioe' dik tar-recidiva, jinghad li minkejja li fl-atti jirrizulta li l-imputat ghandu Fedina Penali reflettarja, l-Prosekuzzjoni ma pprezentat l-ebda sentenza fil-konfront teighu, u ma jidhirx li hemm xi ezenzjoni min-naha tad-difiza sabiex ma titressaqx tali prova. Ghandha ragun id-difiza fin-nota taghha tghid li l-Fedina Penali *ut sic* m'ghandhiex titqies bhala prova konfutabbli u ghalhekk din l-akkuza ma gietx provata kif rikjest mil-Ligi.

Ghalhekk din il-Qorti ser issib lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) akkuza, u mhux hati tal-ewwel (1) u l-hames (5) akkuza.

Il-Qorti rat il-Fedina Penali tal-imputat u rat li hija wahda reflettarja hafna u minkejja li l-imputat kiser duffrejh mal-ligi kemm-il darba, jidher li ma tghallimx mill-opportunitajiet li nghata sabiex jipprova jirriforma ruhu, tant li rega' spicca l-Qorti akkuzat bir-reati odjerni. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, w cioe' li gja ghandu tnejn u ghoxrin (22) *conviction* registrat fuqha sa mill-5 t'Awwissu 1988 sat-18 ta' Ottubru 2007, thoss li l-piena idonea hija dik ta' prigunerija.

Il-Qorti ma tistax ma tawgurax lid-Difiza tal-attenzjoni li hija tat lill-imputat fid-difiza taghha u tawgura lill-avukat difensur tieghu sabiex ikompli jipprezenta noti ta' sottomissjonijiet studjati kif *del resto* ghamel fil-kaz odjern.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli **22, 49, 50, 249 (1), 250, 252, u 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat Mark sive**

**Marco Pace hati tal-ewwel (1) u l-hames (5) akkuza u tilliberah minnhom, filwaqt li ssibu hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), u tar-raba' (4) akkuza w tikkudnannah disa' (9) xhur prigunerija effettivi.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**